



---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2018/0249(COD)**

6.11.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi (COM(2018)0473 – C8-0272/2018 – 2018/0249(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Monika Hohlmeier

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) L-Unjoni Ewropea bħalissa qed tħabbat wiċċha ma' sfidi maġġuri fl-oqsma tal-ġestjoni u l-protezzjoni tal-fruntieri u l-politika tal-viżi. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018, il-Parlament Ewropew tenna l-prijorità tiegħu li jsaħħaħ il-fruntieri esterni u li jipprovdi b'mod adegwat fondi futuri fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni. Ewropa iktar b'saħħitha u iktar ambizzjuża tista' tinkiseb biss billi tingħata mezzi finanzjarji msaħħa, u dan jirrikjedi appoġġ kontinwu lill-politiki eżistenti, żieda fir-riżorsi għall-programmi ewlenin tal-Unjoni, u l-għoti ta' mezzi finanzjarji addizzjonali biex ikopru r-responsabbiltajiet addizzjonali. Il-kompiti l-ġodda u l-isforzi msaħħa jeħtieġu żieda fil-mezzi finanzjarji, tagħmir tekniku u persunal għall-programmi u l-aġenziji rispettivi u l-Istati Membri kkonċernati.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(10) Sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624: kontroll fil-fruntieri, tiftix u salvataġġ waqt sorveljanza fil-fruntieri, analiżi tar-riskju,

(10) Sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624: kontroll fil-fruntieri, tiftix u salvataġġ waqt sorveljanza fil-fruntieri, analiżi tar-riskju,

kooperazzjoni bejn Stati Membri (appoġġata u kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta), kooperazzjoni bejn l-aġenziji inkluż l-iskambju regolari tal-informazzjoni, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen relatati mal-kontroll fil-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni *illegali* u jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera, użu ta' teknoloġija tal-ogħla livell, mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u solidarjetà, u biex jiżguraw li ssir realtà operazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu pprovduti b'appoġġ finanzjarju adegwat mill-Unjoni.

kooperazzjoni bejn Stati Membri (appoġġata u kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta), kooperazzjoni bejn l-aġenziji (inkluż l-iskambju regolari tal-informazzjoni) ***u kooperazzjoni mal-azzjoni esterna tal-UE bħall-ġestjoni ċivili tal-kriżijiet***, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen relatati mal-kontroll fil-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni *irregolari* u jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera, użu ta' teknoloġija tal-ogħla livell, mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u solidarjetà, u biex jiżguraw li ssir realtà operazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu pprovduti b'appoġġ finanzjarju adegwat mill-Unjoni.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 17

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Biex jiżgura kontroll fil-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu lil hinn mill-fruntieri esterni, jenħtieġ li l-istrument jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej li tinkludi l-miżuri kollha li jinvolvu l-politika, il-liġi, il-kooperazzjoni sistematika, il-kondiviżjoni tal-piżijiet, il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi jinbidlu fir-rigward tal-punti ta' qsim għal migranti irregolari, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħuda flivelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri, jaġixxi f'kooperazzjoni ma' atturi oħra bħal pajjiżi terzi u korpi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja (eu-LISA), Europol

##### *Emenda*

(17) Biex jiżgura kontroll fil-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu lil hinn mill-fruntieri esterni, jenħtieġ li l-istrument jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej li tinkludi l-miżuri kollha li jinvolvu l-politika, il-liġi, il-kooperazzjoni sistematika, il-kondiviżjoni tal-piżijiet, il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi jinbidlu fir-rigward tal-punti ta' qsim għal migranti irregolari, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħuda flivelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri, jaġixxi f'kooperazzjoni ma' atturi oħra bħal pajjiżi terzi u korpi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja (eu-LISA), Europol, ***il-ġestjoni tal-UE tal-kriżijiet*** u

u organizzazzjonijiet internazzjonali.

organizzazzjonijiet internazzjonali.

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(23a) L-isfidi l-ġodda u l-kompiti addizzjonali jirrikjedu li l-aġenziji involuti fil-ġestjoni tal-fruntieri jkunu mgħammra bil-finanzjament u l-persunal meħtieġa. Apparti l-professjonisti żgħażaġh, jenħtieġ ukoll li esperti b'esperjenza mill-Istati Membri jiġu ingaġġati u ggradati skont l-esperjenza tagħhom.**

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(27a) Minħabba r-rabta qawwija tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi ma' oqsma oħra ta' politika, bħall-Fond Marittimu u tas-Sajd jew il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura approċċ ikkoordinat tajjeb, is-sinerġiji possibbli, u t-trasparenza fl-infiq rispettiv. Jenħtieġ li regoli ċari u trasparenti jipprevjenu l-finanzjament doppju.**

#### Emenda 6

##### Proposta għal regolament Premessa 34

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(34) Jenħtieġ li miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġati permezz tal-istrument jiġu implimentati f'sinerġija u f'koerenza sħiħa ma' azzjonijiet oħra barra

(34) Jenħtieġ li miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġati permezz tal-istrument jiġu implimentati f'sinerġija u f'koerenza sħiħa ma' azzjonijiet oħra barra

l-Unjoni u jenħtieġ li **jikkumplimentawhom**, appoġġati permezz ta' strumenti ta' finanzjament esterni tal-Unjoni. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, jenħtieġ li titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, l-Istrument *se* jimmira l-appoġġ biex isaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jirrinforza aspetti ewlenin tal-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza fil-fruntieri u ġestjoni f'oqsma ta' interess għall-politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni u l-oġettivi tas-sigurtà tal-Unjoni.

l-Unjoni u jenħtieġ li **jikkomplementawhom**, appoġġati permezz ta' strumenti ta' finanzjament esterni tal-Unjoni. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, jenħtieġ li titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, l-Istrument **jenħtieġ li** jimmira l-appoġġ biex isaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, **fosthom permezz tal-parteciġipazzjoni fil-ġestjoni ċivili tal-kriżijiet**, u jirrinforza aspetti ewlenin tal-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza fil-fruntieri u ġestjoni f'oqsma ta' interess għall-politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni u l-oġettivi tas-sigurtà tal-Unjoni.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 38

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(38) Jenħtieġ li r-Regolament jistabbilixxi l-ammonti inizjali għall-programmi tal-Istati Membri kkalkolati fuq il-bażi ta' kriterji stipulati fl-Anness I, li jirriflettu t-tul u l-livelli ta' theddid f'sezzjonijiet ta' fruntieri tal-art u tal-baħar, l-ammont ta' xogħol fl-ajruporti u l-konsulati kif ukoll in-numru ta' konsulati.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 39a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(38) Jenħtieġ li r-Regolament jistabbilixxi l-ammonti inizjali għall-programmi tal-Istati Membri kkalkolati fuq il-bażi ta' kriterji stipulati fl-Anness I, li jirriflettu t-tul u l-livelli ta' theddid **fuq il-bażi ta' data reċenti u storika** f'sezzjonijiet ta' fruntieri tal-art u tal-baħar, l-ammont ta' xogħol fl-ajruporti u l-konsulati kif ukoll in-numru ta' konsulati.

*jirriżolvi l-problemi li dehru matul l-ewwel fażi, u jipprovdi ħarsa ġenerali trasparenti tal-implimentazzjoni.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 40a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(40a) Fil-perspettiva tal-esperjenza drammatika tal-Unjoni Ewropea mal-isfidi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi fis-snin preċedenti u n-nuqqas ta' finanzjament flessibbli biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, il-faċilità tematika jenħtieġ li tkun disponibbli għall-isfidi ġodda li ġejjin u biex toħloq valur miżjud tal-UE mingħajr ma tuża l-marġini disponibbli u l-istrumenti ta' flessibilità.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 43

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(43) Parti mir-riżorsi disponibbli permezz tal-Istrument jistgħu jiġu allokati wkoll għall-programmi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi minbarra l-allokazzjoni inizjali tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet speċifiċi jiġu identifikati bħala temi ta' prijorità fil-livell tal-Unjoni u jikkonċernaw azzjonijiet li jirrikjedu sforz jew azzjonijiet kooperattivi li huma neċessarji biex jiġu indirizzati żviluppi fl-Unjoni li jirrikjedu li jsir disponibbli finanzjament addizzjonali għal Stat Membru wieħed jew aktar, bħax-xiri ta' tagħmir tekniku permezz tal-programmi nazzjonali ta' Stati Membri li huwa meħtieġ mill-Aġenzija Ewropea għall-

(43) Parti mir-riżorsi disponibbli permezz tal-Istrument jistgħu jiġu allokati wkoll għall-programmi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi minbarra l-allokazzjoni inizjali tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet speċifiċi jiġu identifikati bħala temi ta' prijorità fil-livell tal-Unjoni u jikkonċernaw azzjonijiet li jirrikjedu sforz jew azzjonijiet kooperattivi li huma neċessarji biex jiġu indirizzati żviluppi fl-Unjoni ***jew il-parteċipazzjoni fl-azzjoni esterna tagħha bħall-ġestjoni ċivili tal-kriżijiet***, li jirrikjedu li jsir disponibbli finanzjament addizzjonali għal Stat Membru wieħed jew aktar, bħax-xiri ta' tagħmir tekniku permezz tal-programmi

Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta biex twettaq l-attivitajiet operazzjonali tagħha, il-modernizzazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża, l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-istabbiliment ta' interoperabbiltà bejn dawk is-sistemi. Dawn l-azzjonijiet speċifiċi se jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni fil-programmi ta' ħidma tagħha.

nazzjonali ta' Stati Membri li huwa meħtieġ mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta biex twettaq l-attivitajiet operazzjonali tagħha, il-modernizzazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża, l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-istabbiliment ta' interoperabbiltà bejn dawk is-sistemi. Dawn l-azzjonijiet speċifiċi se jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni fil-programmi ta' ħidma tagħha.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 57

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(57) **Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil** fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u ***l-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' 25 % ***ta' nfiq tal-baġit*** tal-UE li ***jappoġġaw*** l-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 58a (ġdida)

#### *Emenda*

(57) ***B'riflessjoni tal-urġenza li jiġi indirizzat it-tibdil*** fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u ***li jkun fuq quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet*** ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti ***fosthom l-ugwaljanza tal-ġeneru***, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' ***mill-inqas 25 % matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027 u 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027 tal-infiq mill-baġit*** tal-UE li ***jappoġġa*** l-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.



**(58a) Huwa importanti li jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u ċertezza tad-dritt matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u matul l-implimentazzjoni tal-Istrument. Jenħtieġ li l-azzjonijiet imwettqa matul il-perjodu 2014-2020 ma jiġux interrotti matul it-tranżizzjoni.**

### Emenda 13

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilita qsim leġittimu tal-fruntieri, jipprevjeni u jidentifika l-immigrazzjoni **illegali** u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxi effettivament il-flussi migratorji;

Emenda

(a) jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilita qsim leġittimu tal-fruntieri, jipprevjeni u jidentifika l-immigrazzjoni **irregolari** u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxi effettivament il-flussi migratorji;

### Emenda 14

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fl-għanijiet speċifiċi stabbiliti f'paragrafu 2, l-istrument għandu jiġi implimentat permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni elenkati fl-Anness II.

Emenda

3. Fl-għanijiet speċifiċi stabbiliti f'paragrafu 2, l-istrument għandu jiġi implimentat **fost l-oħrajn** permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni elenkati fl-Anness II.

### Emenda 15

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fl-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fl-Anness II, l-istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari l-azzjonijiet elenkati fl-Anness III.

*Emenda*

1. Fl-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u, ***fejn xieraq***, f'konformità mal-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fl-Anness II, l-istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari l-azzjonijiet elenkati fl-Anness III.

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. L-implimentazzjoni tal-istrument m'għandhiex tinvolti piż amministrattiv kbir li jkollu impatt negattiv fuq l-effikaċja tagħha jew li jimpedixxi lill-Istati Membri milli jirkupraw il-finanzjament.***

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3b. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-istrument. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi helpdesk u punt ta' kuntatt biex jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri u jikkontribwixxu għall-allokkazzjoni effettiva tal-finanzjament.***

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ***tal-Programm*** għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun EUR ***8 018 000 000*** fi prezzijiet ***attwali***.

*Emenda*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ***tal-istrument*** għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun EUR ***7 087 760 000 fi prezzijiet tal-2018*** (***EUR8 018 000 000*** fi prezzijiet ***kurrenti***).

*Ġustifikazzjoni*

*Qiegħed jiġi propost li l-pakkett finanzjarju jiġi emendat skont ir-riżoluzzjonijiet tal-PE tal-14 ta' Marzu u t-30 ta' Mejju dwar il-QFP li jmiss, abbażi ta' diżaggregazzjoni teknika preliminari għal kull programm li jista' jkun soġġett għal aktar aġġustamenti, filwaqt li tiġi rrispettata l-pożizzjoni ġenerali tal-PE kif stabbilita f'dawk ir-riżoluzzjonijiet u wkoll il-livell ġenerali ta' 1,3 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE-27.*

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) EUR 4 811 000 000 se jiġu allokati għall-programmi implimentati b'ġestjoni kondiviża, li minnhom EUR 157 200 000 ***se jiġu allokati*** għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 16, implimentati b'ġestjoni kondiviża;

*Emenda*

(a) EUR 4 ***252 833 000 fi prezzijiet tal-2018*** (***EUR 4 811 000 000 fi prezzijiet kurrenti***). se jiġu allokati għall-programmi implimentati b'ġestjoni kondiviża, li minnhom ***EUR138 962 000 fi prezzijiet tal-2018*** (***EUR157 200 000 fi prezzijiet kurrenti***) għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 16, implimentati b'ġestjoni kondiviża;

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) EUR 3 207 000 000 għandhom jiġu allokati għall-faċilità tematika.

*Emenda*

(b) EUR ***2 834 927 000 fi prezzijiet tal-2018*** (***EUR 3 207 000 000 fi prezzijiet kurrenti***) għandhom jiġu allokati għall-faċilità tematika.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) EUR 4 009 000 000 lill-Istati Membri skont il-kriterji fl-Anness I;

*Emenda*

(a) EUR **3 543 880 000** *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 4 009 000 000 fi prezzijiet kurrenti)*. lill-Istati Membri skont il-kriterji fl-Anness I;

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) EUR 802 000 000 lill-Istati Membri għall-aġġustament tal-allokkazzjonijiet għall-programmi kif imsemmi fl-Artikolu 13(1).

*Emenda*

(b) EUR **708 953 000** *fi prezzijiet tal-2018 (EUR 802 000 000 fi prezzijiet kurrenti)* lill-Istati Membri għall-aġġustament tal-allokkazzjonijiet għall-programmi kif imsemmi fl-Artikolu 13(1).

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 100 % tan-nefqa totali eliġibbli *għal assistenza ta' emerġenza*.

*Emenda*

5. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 100 % tan-nefqa totali eliġibbli *għall-assistenza ta' emerġenza, inkluża l-parteċipazzjoni permezz ta' ġestjoni ċivili tal-kriżijiet*.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza

*Emenda*

10. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza

mal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kull meta Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta proġetti ma' pajjiż terz jew fih bl-appoġġ tal-Istrument, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni qabel il-bidu tal-proġett.

mal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kull meta Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta proġetti ma' pajjiż terz jew fih bl-appoġġ tal-Istrument, **inkluża l-parteċipazzjoni fil-ġestjoni ċivili tal-kriżijiet**, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni qabel il-bidu tal-proġett.

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Kull meta Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta azzjonijiet ma' pajjiż terz jew fih, bl-appoġġ tal-Istrument li jirrelata ma' monitoraġġ, detezzjoni, identifikazzjoni, intraċċar, prevenzjoni u **interċezzjoni** ta' dħul mhux awtorizzat għall-iskop tad-detezzjoni, prevenzjoni u sforzi kontra l-immigrazzjoni **illegali** u l-kriminalità transfruntiera, jew għall-iskop **tal-kontribuzzjoni lejn il-protezzjoni u salvataġġ** ta' ħajjiet ta' migranti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jkun innotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali ma' dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1052/2013.

#### *Emenda*

11. Kull meta Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta azzjonijiet ma' pajjiż terz jew fih, bl-appoġġ tal-Istrument li jirrelata ma' monitoraġġ, detezzjoni, identifikazzjoni, intraċċar, prevenzjoni u **interċettazzjoni** ta' dħul mhux awtorizzat għall-iskop tad-detezzjoni, prevenzjoni u sforzi kontra l-immigrazzjoni **irregolari** u l-kriminalità transfruntiera, jew għall-iskop **tal-kontribut għall-protezzjoni u s-salvataġġ** ta' ħajjiet ta' migranti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jkun innotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali ma' dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1052/2013.

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 12 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jixtru **oġġetti għal operazzjonijiet marittimi** bi skopijiet multipli **sakemm**, meta operati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, **dawn l-oġġetti jkun** involuti f'operazzjonijiet ta' sorveljanza fil-fruntieri

#### *Emenda*

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jixtru **mezzi** bi skopijiet multipli **jew jiżviluppaw sistemi tal-ICTs, dment li dawn l-oġġetti**, meta **jkunu** operati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, **ikunu** involuti f'operazzjonijiet ta' sorveljanza fil-

tal-anqas 60 % tal-perjodu totali tal-użu għal skopijiet nazzjonali fi żmien sena. **Dawn** l-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati fil-ġabra ta' tagħmir tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bil-għan li dawn l-assi jkunu disponibbli skont l-Artikolu 39(8) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624;

fruntieri tal-anqas 60 % tal-perjodu totali tal-użu għal skopijiet nazzjonali fi żmien sena. L-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati fil-ġabra ta' tagħmir tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bil-għan li dawn l-assi jkunu disponibbli skont l-Artikolu 39(8) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624;

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jixtru tagħmir jew jiżviluppaw sistemi tal-ICTs bi skopijiet multipli dment li, meta operati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, dawn l-oġġetti u dawn is-sistemi jkunu, fil-parti l-kbira tagħhom, użati għall-azzjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond jew tal-Istrument. Il-kostijiet ta' dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu inklużi totalment fil-Fond jew fl-Istrument.**

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-istrument lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Anness VIII biex tirrevedi u **tikkumplimenta** l-indikaturi fejn meħtieġ u biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluża informazzjoni li għandha tiġi

5. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-istrument lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Anness VIII biex tirrevedi u **tikkomplementa** l-indikaturi fejn meħtieġ u biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri. **Bħala bażi**

pprovduta mill-Istati Membri.

**għar-rieżami, il-Kummissjoni għandha tqis l-implimentazzjoni mtejba tal-proġetti, l-infiq kwalitattiv, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv mhux meħtieġ, l-appoġġ tal-effikaċja lill-Istati Membri, u l-prijoritajiet ġenerali tal-Fond għas-Sigurtà Interna fir-rigward tal-fruntieri u l-viżi.**

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Anness I – punt 7 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali ta' finanzjament, l-evalwazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandu jkun ibbażat fuq l-aħħar medja ta' figuri li jkopri s-36 xahar preċedenti disponibbli fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali ta' finanzjament, il-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq ***l-aħħar medja ta' figuri li tkopri s-36 xahar preċedenti*** disponibbli fid-data tar-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024. Il-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi li ġejjin:

#### *Emenda*

7. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali ta' finanzjament, l-evalwazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandu jkun ibbażat fuq l-aħħar medja ta' figuri li jkopri s-36 xahar preċedenti ***u d-data storika*** disponibbli fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali ta' finanzjament, il-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq ***iċ-ċifri medji storiċi*** disponibbli fid-data tar-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2024. Il-valutazzjoni tal-ammont ta' xogħol għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi li ġejjin:

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Anness I – punt 11 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jidentifika l-livell medju tat-theddida għal kull sezzjoni tal-fruntiera abbażi tal-aħħar ċifri medji li jkopru l-aħħar 36 xahar fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-analiżi ta' nofs it-terminu, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jidentifika l-livell

#### *Emenda*

11. Għall-finijiet tal-allokazzjoni inizjali, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 10 għandu jidentifika l-livell medju tat-theddida għal kull sezzjoni tal-fruntiera abbażi tal-aħħar ċifri medji li jkopru l-aħħar 36 xahar ***u tad-data storika*** fid-data tal-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-analiżi ta' nofs it-terminu, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 10

medju ta' theddida għal kull sezzjoni tal-fruntiera abbażi tal-aħħar ċifri medji **li jkopru l-aħħar 36 xahar** disponibbli **fid-data** tal-analiżi ta' nofs it-terminu fl-2024. Għandu jiddetermina l-fatturi speċifiċi għall-ponderazzjoni li ġejjin għal kull sezzjoni bl-applikazzjoni tal-livelli ta' theddid kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1052/2013:

għandu jidentifika l-livell medju ta' theddida għal kull sezzjoni tal-fruntiera abbażi tal-aħħar ċifri medji **u taċ-ċifri medji storiċi** disponibbli **fi żmien** tal-analiżi ta' nofs it-terminu fl-2024. Għandu jiddetermina l-fatturi speċifiċi għall-ponderazzjoni li ġejjin għal kull sezzjoni bl-applikazzjoni tal-livelli ta' theddid kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1052/2013:

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Anness II – punt 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-kontroll jew minn kompiti mwettqa fil-fruntiera, u flivell tal-UE bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, fuq naħa, u l-korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni jew ta' pajjiżi terzi, fuq in-naħa l-oħra;

##### *Emenda*

(c) itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-kontroll jew minn kompiti mwettqa fil-fruntiera, u flivell tal-UE bejn l-Istati Membri, jew bejn l-Istati Membri, fuq naħa, u l-korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti tal-Unjoni, **inklużi l-azzjoni u l-attivitajiet esterni**, jew ta' pajjiżi terzi, fuq in-naħa l-oħra;

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament Anness III – punt 1 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, jew kontribut lil dan l-iżvilupp, b'kont meħud tal-ħtiġijiet operattivi u l-analiżi tar-riskju u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali;

##### *Emenda*

(c) taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, jew kontribut lil dan l-iżvilupp, **anki għal finijiet ta' ġestjoni ċivili tal-kriżijiet**, b'kont meħud tal-ħtiġijiet operattivi u l-analiżi tar-riskju u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali;

### Emenda 33



**Proposta għal regolament  
Anness IV – punt 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(9a) Miżuri li għandhom l-għan li  
jtejbu l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT  
u tan-netwerks ta' komunikazzjoni.***

## PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0473 – C8-0272/2018 – 2018/0249(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 2.7.2018
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 2.7.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Monika Hohlmeier 28.6.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	26.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	5.11.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 –: 2 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Tiemo Wölken, Marco Zanni
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Marco Valli
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Michael Detjen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>23</b>	<b>+</b>
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere
S&D	Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Indrek Tarand

<b>2</b>	<b>-</b>
ENF	André Elissen
NI	Eleftherios Synadinos

<b>2</b>	<b>0</b>
EFDD	Marco Valli
ENF	Marco Zanni

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni